MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Numru 94/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Frank A. Tabone)**

**Vs**

**Ashraf Elbakry ta’ 51 sena iben Mahmoud u Suhad nee’ Alfadal, imwieled l-Egittu, nhar it-08 ta’ Dicembru 1962, residenti fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta ta’l-identita’ 20113(A).**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Ashraf Elbakry li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fix-xahar ta’ Awwissu 2010 gewwa Ghawdex u gewwa dawn il-gzejjer f’hinijiet differenti b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. talli bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil Anthony Azzopardi u persuni ohra jezegwixxi, iqalleb obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil Anthony Azzopardi jew persuni ohra, liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta'l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna u cioe' lil Anthony Azzopardi, kontra l-volonta tieghu jew tal-post biex fih din il-persuna tigi issekwestrata, bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha.
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded lil Anthony Azzopardi u persuni ohra b'xi delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid li kien bil-fomm, kien hemm ordni jew kundizzjoni.
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igeighel lil Anthony Azzopardi u persuni ohra jaghmel, ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga.
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurja jew hedded lil Anthony Azzopardi.
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi l-imgieba tieghu ikkagunat biza' lil Anthony Azzopardi u persuni ohra li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet.
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu arma regolari (sikkina) minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna ta'

Anthony Azzopardi kellu fil-pussess tieghu arma regolari jew imitazzjoni ta' arma regolari.
9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qabad arma regolari kontra l-persuna ta' Anthony Azzopardi.
10. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Anthony Azzopardi u dana b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li kien ta fastidju ghall-istess Anthony Azzopardi.
11. U aktar talli nhar it-30 ta' Awwissu 2010 fis-sebgha u nofs ta' fil-ghodu (07 30 hrs) naqas milli jirrapporta l-Ghassa tar-Rabat Ghawdex hekk kif kien hekk mitlub jaghmel fil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-Kustodja tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-20 ta' Marzu 2013.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

**<u>L-akkuza dwar ir-rikatt</u>**:

Illi ir-reat tar-rikatt u estorsjoni ikkontemplat fl-artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi testwalment:

**Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna**

**oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa tmintax-il xahar.**

Illi l-legislatur permezz tat-terminologija uzata sabiex issawwar dana ir-reat fassal l-elementi kostituttivi tieghu fejn ghamel distinzjoni bejn l-intenzjoni rikjesta fir-reat tal-estorsjoni ta' flus fejn allura l-malvivent qieghed jaghmel ir-rikatt tieghu ghal skopijiet ta' qliegh jew *lucro* u dak fejn allura l-intenzjoni tar-rikattatur huwa biex igieghel lill-vittma tieghu taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga. Illi fil-kawza il-Pulizija vs Edgar Apap deciza it-13 ta' April 1957 il-Qorti kienet studjat *funditus* l-element tal-qliegh bhala bazi ghar-reat tar-rikatt meta qalet:

"Il-kelma 'qliegh' fil-materja tirreferixxi ghal xi haga li ghandha valur patrimonjali, u mhux kompriz is-sens ta' dik il-kelma kwalunkwe godiment jew pjacir, jew sodisfazzjon, anki mhux ta' valur patrimonjali. Jekk l-iskop ta'l-agent kien dak ta' sodisfazzjon personali biss sija pure riprovevoli, jonqos l-elment kostituttiv tar-rikatt."

Illi, madanakollu, dina d-disposizzjoni tal-ligi kienet giet emendata permezz ta'l-Att numru III tal-2002, fejn dahhlu fis-sehh diversi emendi ghal Kodici Kriminali taghna. Illi bis-sahha ta'dina l-emenda l-legislatur ried jipprovdi sanzjoni ukoll fil-kazijiet fejn l-intenzjoni tar-rikattatur ma tkunx biss dik tal-qliegh finanzjarju jew ekonomiku jew ta' xi gwadann iehor personali. Illi fil-laqgha tal-Kumitat tal-Kamra tar-Rapprezentanti ghall-Abbozz tal-Ligi dwar dawn l-emendi l-Onor. Tonio Borg ighid hekk dwar l-iskop ta'l-emenda ghall-artikolu 250 in dizamina:
"Qabel ir-rikatt kien ikkonsidrat biss bħala att kriminali jekk kien iwassal għal gwadann ekonomiku, bdil jew distruzzjoni ta' provvediment kuntrattwali jew inkella ta' testment, pero` bl-emenda li qed nagħmlu **<u>r-rikatt se jkun ipprojbit kriminalment għal kwalunkwe skop u se jkun meqjus bħala att kriminali</u>**, anke jekk, per eżempju, ikun hemm theddida ta' inġurja jew ta' malafama fil-konfront ta' persuna.[1]"

[1] Ara laqgha tas-17 ta' Ottubru 2001

Illi ghalhekk bl-emenda introdotta kull persuna li taghmel rikatt fil-konfront ta’ persuna ohra u dana sabiex iggieghel lil dik il-persuna taghmel xi haga jew tonqos milli taghmel xi haga hija hatja ta’ dana ir-reat.

Illi ghalkemm minn qari ta’l-akkuza jidher illi l-imputat jinsab akkuzat bit-tenattiv ta’ dana ir-reat u mhux bir-reat ikkunsmat, madanakollu fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali jindika ir-reat bhala wiehed ikkunsmat u imkien ma isemmi id-disposizzjonijiet ta’l-artikolu 41 li jitkellem dwar it-tentattiv. Illi fil-fehma ta’ dina l-Qorti ir-reat huwa wiehed ikkunsmat fil-mument illi issir it-theddida. Ma hux necessarju ghalhekk illi l-malvivent ikun irnexxa fl-intent tieghu u cioe’ li ikun lahaq l-ghan wara ir-rikatt ghaliex fil-mument illi issir it-theddida ir-reat ikun wiehed komplut. Illi il-Professur Mamo ighid hekk fi-notamenti tieghu dwar dak li jikkostitwixxi t-theddid:
“*any menace of an evil however conveyed to anyone and capable of intimidating him is a threat*.”
Konsegwentement l-intenzjoni wara r-rikatt jew it-theddida hija li l-malvivent igieghel lill-vittma tieghu jaghmel xi haga li altrimenti ma kienx ser jaghmel billi ibezzghu b’minacca ta’ hsara li tista’ tigri lill-vittma tieghu jekk ma jaghmilx dak illi irid igieghlu jaghmel. Fil-fatt is-sub-inciz (2) ta’l-istess disposizzjoni tal-ligi tipprevedi zieda fil-piena meta ir-rikattatur jirnexxielu fl-intenzjoni tieghu.

Kwindi l-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju tieghu ghal gudizzju gustament ma jindikax id-dispost ta’l-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 billi ir-reat huwa wiehed ikkunsmat hekk kif issir it-theddida ta’ hsara.

**“Meta … ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta’ kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta’ l-att ta’ akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment,**

**jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat."[2]**

Kwindi billi f'dawn ic-cirkostanzi jirrizulta illi r-reat indikat fl-akkuza u dak indikat fin-nota ta' rinviju jitrattaw l-istess reat u cioe' dak tar-rikatt minghajr ghalhekk ma hu mehtieg skond il-ligi illi l-malvivent jirnexxi fl-intent tieghu sabiex ir-reat ikun ikkunsmat, il-Qorti ser tghaddi biex tiggudika lill-imputat fuq l-artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali mahruga ai termini ta'l-artikolu 370(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Illi l-investigazzjonijiet tal-pulizija f'dana l-kaz skattaw wara rapport maghmul mill-parti leza Anthony Azzopardi li kien qed jigi rikattat mill-imputat u is-siehba tieghu certu Charmaine Grima. Fil-fatt fil-mument li Azzopardi ghamel ir-rapport tieghu huwa jallega li lanqas kien jaf min kienu dawn it-tnejn minn nies. Ighid illi xi jumejn qabel ma ghamel ir-rapport kienet cemplitlu mara li qaltlu li jisimha Antonella fejn din talbet is-servizzi tieghu sabiex isewwielha xi hsara li kellha fis-sistema tad-dawl u tal-ilma tad-dar. Azzopardi ighid illi huwa mar ghalhekk fl-indirizz moghti lilu minn dina l-mara fejn hemmhekk huwa sab tfajla flimkien ma' ragel ta' nazzjonalita Egizzjana. Ighid illi wara li gie spjegat lilu il-hsara li kien hemm huwa qaghad jitkellem ma' dawn in-nies fejn tallbuh imur lura siegha wara ghax kellhom johorgu jaghmlu qadja. Azzopardi ighid illi ghalhekk huwa mar siegha wara fejn sab lil din il-mara li qaltlu li jisimha Antonella. Ir-ragel ta' nazzjonalita Egizzjana ma kienx hemm. Xi ftit tal-hin wara, filwaqt li huwa kien qieghed jaghmel xi tiswijiet fil-*flushing* tat-*toilet*,

[2] Il-Pulizija vs Michael Carter deciza 07/12/2001 – App. Krim. Inferjuri

dina il-mara giet hdejh u qaltlu li kienet qed thossha ma tiflahx u talbitu iwassalha sal-kamra tas-sodda. Azzopardi ighid illi hija kienet imgezwra f'xugaman. Azzopardi ikompli ighid illi huwa wassalha fil-kamra tas-sodda u ghenha sabiex timtedd, meta issuggerielha biex tnehhi ix-xugamann billi kienet hafna shana. Hawnhekk ighid illi ghen lil din il-mara tnehhi ix-xugaman minn fuqha. Osserva li hija kienet liebsa *reggipetto* u qalziet ta' taht homor. Ighid illi huwa qalilha biex tholl dan ir-*reggipetto* billi osserva li kien issikkat u hi daret fuq il-genb taghha u qaltlu biex jifathulha. Hu hekk ghamel u imbaghad beda inehhielha il-qorq li kienet liebsa u wara li nehha dak ta' sieq  wahda wasal ir-ragel Egizzjan fejn Azzopardi infurmah illi kien qed ighinha ghaliex kienet ma tiflahx u telaq 'il barra ikompli b'xogholu. Meta lestha dan ir-ragel hallsu hames ewro u telaq. Ighid illi aktar tard fil-ghaxija ghal habta tal-hdax ta' bil-lejl din il-mara li qaltlu li jisimha Antonella regghet cemplitlu u tallbitu imur ghandha ghaliex kienet minghajr provvista tad-dawl billi dan kien inqata' meta xeghlet xi kitla. Azzopardi ghall-ewwel ma riedx imur, izda ighid li thassarha ghax din bdiet tibkielu u ghalhekk accetta li imur. Meta wasal ighid illi induna li din kienet xi skuza ghaliex kullma kien gara kienet illi taret is-*salvavita*, izda kif kien hiereg u wasal fil-pjan tat-tarag, dana l-Egizzjan rega hattfu u dahhlu lura fl-appartament. Beda ighajjat u igholli lehnu mieghu u jakkuzah illi kien abbuza mis-siehba tieghu u beda ighidlu li kellu sahansitra *video* fuq il-*laptop* tax-xena. Azzopardi ighid illi kellu sikkina f'idejh li beda ixejjirha f'wiccu u ihedded kemm lilu u kif ukoll lil dina it-tfajla. Ighid ukoll illi l-Egizzjan urieh il-*video* li kien hadlu. Ighid illi din ix-xenata damet ghaddejja madwar siegha meta fl-ahhar Azzopardi ipprova joffrielu il-flus sabiex ihallieh jitlaq, izda l-Egizzjan ma accettax u baqa' ghaddej bl-istess teatrin ghal xi siegha ohra meta imbaghad Azzopardi staqsieh jekk riedx iktar flus. Jidher illi Azzopardi offrielu hamest elef ewro, izda l-Egizzjan ried ghaxra u wara ftit wasslu ghal kompromess li jaghtih sitt elef ewro. Azzopardi ighid illi lil dan l-Egizzjan qallu li kien lest li ighaddielu il-flus l-ghada billi fuqu ma kellux dak il-flus kollha u f'dak il-hin il-banek kienu maghluqa.  L-Egizzjan qallu biex jiltaqa' mieghu l-ghada fil-ghodu fit-tmienja il-Mosta, izda Azzopardi

wiegbu li ma kienx ser jilhaq jigbed il-flus u jasal il-Mosta sa dak il-hin. Fl-ahhar l-Egizzjan qallu li kien ser ihallieh jitlaq u icempillu l-ghada fil-ghodu fit-tmienja sabiex ighidlu fejn kellhom jiltaqghu. Azzopardi ighid ukoll illi waqt li l-Egizzjan kien qed izommu mizmum fl-appartament, dana beda isemmi it-tifla tieghu Maria Concetta Azzopardi u l-parti leza stagheb meta induna li dan kien jaf lil bintu.

Jidher illi l-ghada dina it-tfajla cemplitlu u qaltlu biex jiltaqghu f'xi post gewwa x-Xewkija izda Azzopardi qalilha li ma kienx jaf fejn hu dana il-post u qalilha li kien lest li ighaddielhom cekk bil-posta hekk kif tghaddielu id-dettalji personali taghhom. Wara dan jidher illi Azzopardi minflok mar jigbed il-flus mill-bank baqa' sejjer dritt ghand il-pulizija fejn huwa ghamel rapport. Illi meta Azzopardi qal lil bintu b'dak li kien sehh dina mal-ewwel indunat li it-tnejn minn neis li missierha kien qed jaghmel referenza ghalihom ma kienu hadd hlief l-imputat u is-siehba tieghu Charmaine Grima. Jidher illi din Maria Concetta Azzopardi kienet taf lill-imputat billi jidher illi dan kien ghamel xi zmien f'relazzjoni maghha, izda kellha ittemm dina ir-relazzjoni minhabba fl-abbuzi li kienet qed tissubixxi minn taht idejh. Hija tghid illi fil-fatt kien hemm kawza kriminali pendenti fil-konfront ta'l-imputat in konnessjoni ma' dana it-theddid u vjolenza li kien uza fuqha u li huwa kien ghamel dan lil missierha biex ipattihielha ghal dina l-kawza. Hija tat id-dettalji dwar dawn it-tnejn minn nies lill-pulizija inkluz in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura ta'l-imputat u minn hawn bdiet it-tfittxija minn naha tal-pulizija ghal dina l-vettura u dawn in-nies.

L-ghada izda it-tfajla cemplet lil Azzopardi u ftiehmet mieghu li kellhom jiltaqghu mieghu hdejn it-*traffic lights* tax-Xewkija sabiex huwa ighaddielhom il-flus. Azzopardi hawnhekk mar jinforma lil pulizija li marru minfloku fil-post indikat. Fil-fatt hemmhekk kif miftiehem huma sabu lill-imputat bil-vettura indikata lilhom minn bint il-parti leza. Faccata fuq il-*bus stop* kien hemm ukoll Charmaine Grima s-siehba ta'l-imputat. Saret tfittxija mill-pulizija fil-vettura ta'l-imputat fejn instabet sikkina, xi mwies, strixxi tal-plastik, xi *mobile phones*, pen drive, MP3 player, camera

tar-ritratti u *laptop.* Dawn gew elevati mill-pulizija u gew esebieti fl-atti tal-kawza.

L-imputat flimkien ma’ Charmaine Grima gie arrestat u mehud l-ghassa tal-pulizija fejn hemmhekk huwa beda jilmenta minn ugigh f’sidru u ghalhekk inghata l-*police bail* u gie rilaxxjat bil-kundizzjoni illi huwa jerga’ jirrapporta l-ghassa tal-pulizija. Jidher izda li l-imputat dan ma ghamlux u ghalhekk bdiet tfittxija minn naha tal-pulizija ghall-imputat fejn dan instab madwar xahar wara. Hawnhekk huwa rega’ gie arrestat u interrogat. Illi il-Qorti tirrileva illi l-imputat ghazel li ma iwiegeb ghall-ebda mistoqsija fl-interrogazzjoni li saritlu meta gie arrestat, ghalkemm huwa kien kiseb il-parir legali minn ghand l-avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar, u ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi tiskatta ir-regola tal-inferenza kif jiddisponi l-artikolu 355AU tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

**“(1) Meta fi proċeduri kontra persuna għal xi reat, tingħata xiehda li l-akkużat -**
**(a) f’kull waqt qabel ma jkun ġie akkużat bir-reat, meta jkun qed jiġi interrogat mill-Pulizija li jkunu qed jippruvaw jikxfu jekk ir-reat ikunx sar u min ikun għamlu, jkun naqas milli jsemmi xi fatt li huwa jserraħ fuqu fid-difiża tiegħu f’dawk il-proċeduri; jew**
**(b) meta jkun qed jiġi akkużat bir-reat jew ikun qed jiġi uffiċjalment mgħarraf li jista’ jiġi mħarrek dwaru, jkun naqas milli jsemmi dak il-fatt, li jkun fatt li fiċ-ċirkostanzi li jkunu jeżistu f’dak il-waqt l-imputat seta’ raġonevolment jkun mistenni li jsemmi meta jkun ġie hekk interrogat, akkużat jew mgħarraf, skont il-każ, għandu japplika is-subartikolu (2) jekk jintwera li l-imputat kien irċieva parir legali qabel ma jkun ġie interrogat, akkużat jew mgħarraf kif hawn aktar qabel imsemmi.**

**(2) Meta dan is-subartikolu jkun japplika -**
**(a) Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja li tkun qed tagħmel deċiżjoni taħt l-artikolu 401(2),**
**(b) il-qorti jew il-ġuri, meta jkunu qed jiddeċiedu jekk persuna akkużata jew imputata tkunx ħatja tar-reat li bih tkun ġiet akkużata, tista’ tagħmel dawk l-inferenzi**

**minn dan in-nuqqas bħalma jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistgħux waħedhom jitqiesu bħala prova ta' ħtija iżda jistgħu jitqiesu bħala li jammontaw għal korroborazzjoni ta' kull xiehda ta' ħtija tal-persuna akkużata jew imputata."**

L-imputat jaghzel li jixhed fil-kawza u jichad kategorikament illi sehhew il-fatti kif esposti mill-parte civile. Isostni illi dak li ighid Azzopardi huwa kollu invenzjoni u li dan kien qed isir bhala tpattija minn bintu Maria Concetta Azzopardi li maghha huwa kien mizzewweg. Bhala difiza tieghu huwa jipprova jigbed diversi inasettezzi u konfliggenzi fix-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni. Ighid illi ma hemmx qbil bejn ix-xhieda dwar dak rapportat minn Azzopardi u cioe' is-sekwenza tal-fatti kif sehh dana l-allegat kaz, kif hemm konfliggenza ukoll dwar is-sikkina li allegatament intuzat minnu sabiex ibezza' lil Azzopardi. Illi jigi rilevat illi l-parti leza Anthony Azzopardi, meta muri is-sikkina li giet elevata mill-vettura ta'l-imputat fil-kors tax-xhieda tieghu gharaf dik is-sikkina bhala l-istess wahda uzata mill-imputat fil-konfront tieghu sabiex iheddu.

Illi il-Qorti innominat bhala espert lil Dr. Martin Bajjada u dana fl-ewwel lok sabiex johrog il-kontenut tal-*mobile phones,* camera tar-ritratti, *pen drive* u *lap top* li gew elevati minn ghand l-imputat kif ukoll bhala espert tal-kalligrafija sabiex jigi stabbilit jekk l-ittra anonima li giet ezebieta minn bint il-parti leza[3] u li allegatement intbaghtet lilha mill-imputat kenitx inkitbet minnu. Illi fir-rapport tieghu dwar l-ittra Dokument MC1, l-espert jikkonkludi illi minghajr l-icken dubbju dina l-ittra ma inkitbitx mill-imputat[4].

Illi l-espert jezamina ukoll l-kontenut tal-oggetti elevati mill-vettura ta'l-imputat u cioe' *pen drive*, *MP3 player*, Dell *laptop computer*, sitt cellulari u *digital camera*[5]. Illi mir-rapporti esebieti minnu ma jidhirx illi f'dawn id-dokumenti

[3] Ara Dokument MC1 a fol. 54
[4] Ara Dokument MB a fol.469

[5] Ara rapporti Dok MB u Dok MB1 a fols. 139 u 484

instabu xi filmati rilevanti ghal dana l-kaz ghalkemm jidher illi hemm filmati ohra li juru xeni ta' atti sesswali bejn l-imputat u Grima, kif ukoll ritratti ohra b'kontenut pronografiku. Madankollu l-espert ma jindikax illi instab xi filmat tax-xena kif deskritta mill-parti leza.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm l-imputat jindika fix-xhieda tieghu diversi inesattezzi u konfliggenzi f'dak li ighidu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, kif senjalati minnu fid-diversi dokumenti li jesebixxi in sostenn tad-difiza tieghu, l-Qorti tosserva illi l-parti leza kien dejjem konsistenti fir-rakkont tieghu dwar dana l-kaz. Dana f'kull verzjoni illi huwa jaghti, kemm dik moghtija lill-pulizija *a tempo vergine*, kif ukoll fl-istqarrija bil-miktub rilaxxjata lill-pulizija, u finalment fid-deposizzjoni tieghu fil-Qorti. Illi ghalkemm l-imputat jallega illi l-parti leza ivvinta dina l-istorja u dana minhabba fir-relazzjoni qarsa li kien hemm bejnu u bejn bint l-istess parti leza, Maria Concetta Azzopardi, madanakollu mill-atti jirrizulta illi l-ewwel darba li Azzopardi ghamel ir-rapport lill-pulizija huwa lanqas biss kien jaf min kienu n-nies li kienu qeghdin jirrikattawh, ghajr illi t-tfajla kien jisimha Antonella, tant ghalhekk illi l-pulizija ma setghux jasslu biex jistabbilixxu min kienu. Kien biss wara illi l-parti leza fetah qalbu ma' bintu li dina indunat li kien l-imputat u s-siehba tieghu Charmaine Grima. Illi nonostante ghalkemm Azzopardi kienet indikat lil dawn il-persuni, il-pulizija xorta wahda ma ipprocedewx ghall-arrest taghhom minnufih. Dana sehh meta Azzopardi kien ircieva telefonata minn ghand it-tfajla li kienet qed tissejjah Antonella fejn dina ndikatlu l-post fejn kellhom jiltaqghu biex huwa ighaddielhom il-flus. Kien biss hawn illi l-pulizija intervjenew meta gew infurmati b'dan minn Azzopardi u tawh parir biex ma imurx hu jiltaqa' ma' dawn in-nies izda imorru huma. Fil-fatt meta l-pulizija wasslu fuq il-post huma sabu lil dawn it-tnejn minn nies jistennew. Dina certament ma hijiex xi kumbinazzjoni, izda tindika biss illi dak li qed ighid il-parti leza huwa il-verita u xejn inqas. Illi ghalkemm mill-*laptop* elevat mill-pussess ta'l-imputat ma instabx il-filmat in kwistjoni, madanakollu jidher illi l-imputat kien midhla sew ta' gbid ta' filmati b'kontenut

sesswali u pornografiku. Il-Qorti ghalhekk temmen bi shih il-verzjoni moghtija mill-parti leza billi huwa ghal kollox inverosimili illi huwa ivvinta dina l-istorja biex ipattieha lill-imputat ghal dak li kien ghamel lil bintu, meta lanqas biss kien jaf min hu l-imputat u wisq anqas allura seta kien jaf bir-relazzjoni bejn l-imputat u bintu Maria Concetta Azzopardi.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk jiskatta l-applikazzjoni ta'l-artikolu 355AU(2) tal-Kodici Kriminali u cioe' ir-regola ta'l-inferenza li dina il-Qorti tista tapplika f'kaz illi l-imputat jaghzel li ma iwegibx ghal mistoqsijiet li isirulu waqt l-interrogatorju mill-pulizija ma'l-arrest tieghu u dana wara li huwa ikun kiseb il-parir legali mehtieg.

Illi ghaldaqstant mill-provi li hemm fl-atti il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi l-imputat bl-ghajnuna tas-siehba tieghu Charmaine Grima hedded lill-imputat meta holoq messa in xena shiha fejn qal lil parti leza li kien irregistrah permezz ta' filmat f'sitwazzjoni kompromettenti mas-siehba tieghu u dana bl-iskop li jestorci il-flus minn ghandu. Dana ghamlu billi anke hedded lill-parti leza permezz ta' sikkinna u zammu mizmum f'post ghal iktar minn siegha kontra l-volonta ta'l-istess parti leza u irrrilaxxjah biss meta l-parti leza kien wieghdu li l-ghada kien ser ighaddielu l-flus mitluba minnu. Kwindi jirrizultaw ippruvati ukoll ir-reat tal-arrest u detenzjoni tal-persuna kontra l-ligi bl-aggravanti indikat fl-artikolu 87(1)(e) tal-Kapitolu 9.

Illi l-Avukat Generali jindika ukoll diversi disposizzjonijiet tal-ligi li madanakollu huma kollha komprizi u involuti fir-reat tar-rikatt u cioe' id-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 251, 251A u 251B, 249(2) u il-kontravvenzjoni ikkontemplata fl-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tapplika dak dispost fl-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 billi ser tinfliggi piena biss ghar-reat tar-rikatt kif ikkontemplat fl-artikolu 250(1).

L-imputat huwa addebitat bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 6 tal- Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' il-pusess tas-sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Illi

ma hemmx dubbju illi dina s-sikkina kienet fil-pussess ta’l-imputat kemm waqt il-kummissjoni tad-delitt kif ukoll fil-vettura. Kwindi dina l-akkuza ukoll hija ippruvata.

Finalment l-imputat huwa akkuzat ukoll illi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu meta inghata ‘l hekk imsejjah *police bail* wara l-arrest tieghu mill-pulizija. Illi mill-atti jirrizulta illi meta l-imputat gie arrestat mill-pulizija, izda qabel ma gie interrogat, huwa beda jilmenta minn ugigh f’sidru u ghalhekk gie rilaxxjat mill-kustodja tal-pulizija bil-kundizzjoni illi huwa jerga’ jirraporta l-ghassa tal-pulizija fit-30 ta’ Settembru 2010 fis-07:30a.m., izda dana baqa’ ma tfaccjax. Ghalhekk inhareg mandat ta’ arrest fil-konfront ta’l-imputat. Il-Pulizija irnexxielhom jirrintraccjaw lill-imputat billi bdew isegwu il-passi tas-siehba tieghu Charmaine Grima fejn hemmhekk gie arrestat. Kwindi l-akkuza ikkontemplata fl-artikolu 355AL tirrizulta ukoll ippruvata.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 250(1), 86, 87(1)(e), 249(2), 339(e), 251(1), 355AL u 17(b), (d) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 6, 51(7) u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija.

Il-Qorti tordna il-konfiska tas-sikkina esebieta fl-atti.

Finalment wara li rat l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ l-imputat b’dan illi huwa qed jigi ipprojbit milli javvicina jew isegwi il-movimenti ta’ Anthony Azzopardi u l-familja tieghu u dana ghal zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------